MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 17/2009

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, fejn din wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fit-13 ta’ Gunju, 1998, [Dok. A] mil-liema zwieg twieled il-minuri E D;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm m’humiex interdetti jew morda b’mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Att dwar iz-Zwigijiet (Kapitolu 255) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti talbet sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat fit-13 ta’ Gunju 1998 huwa null u bla effett.

Rat ir-risposta tal-intimat C D, fejn dan eccepixxa:

Illi l-eccipjenti filwaqt li jaqbel illi z-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-Ligi, jecepixxi illi tali nullita’ hija konsegwenza ta’ nuqqasijiet u vizzji fil-kunsens tal-attrici rikorrenti, u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi jsegwi ghalhekk illi l-esponent m’ghandux jigi kkundannat ihallas l-ebda spejjez in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri;

Il-Qorti tibda biex teskludi li b’xi mod f’dan il-kaz jezisti l-caput nullitatis imsemmi fir-raba’ paragrafu tar-rikors.Ghalkemm l-istess rikorrenti ssemmi sitwazzjoni ta’ dixxiplina u sikkatura d-dar, b’dan ma rnexxilhiex tipprova li r-rieda taghha kienet sottomessa sa dak il-livell li tehtieg il-Ligi f’sitwazzjoni ta’ nuqqas ta’ kunsens hieles. Ghalhekk dan il-kawzali qed jigi skartat minnufih meta mara tghid illi hi riedet biss ikollha tifel.

Ghalkemm dawn il-fatti kollha huma serji, wahedhom ma jikkonvincux lill-Qorti li kien jezisti fir-rikorrenti dak in-nuqqas serju ta' dikrezzjoni ta' gudizzju tali li jirrendi l-istess zwieg null, u ghalhekk dan il-caput nullitatis qed jigi michud ukoll.

Finalment, madanakollu, il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti f'dan il-kaz ma dahlitx fir-rabta taz-zwieg bl-intenzjoni li tifforma dik l-unjoni ta' hajja u mhabba li essenzjalment jimplika zwieg. Il-hsieb taghha dejjem kien biss li titlaq mid-dar, u jkollha tfal. Fil-fatt, lanqas biss issemmi li riedet familja. Riedet biss il-wild. Zewgha kien mehtieg ghal dan l-iskop biss. Fil-fatt, galadarba, dan l-iskop intlahaq, zewgha twarrab minn hajjitha. F'dan ix-xenarju, jidher car illi ma kien hemm ebda intenzjoni ta' zwieg.

Ir-rikorrenti tallega difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Hawnhekk il-Qorti tinnota li fin-nuqqas ta' provi estensivi tac-cirkostanzi psikologici li kienu jezistu meta l-partijiet dahlu ghar-rabta taz-zwieg, trid tkun l-istess Qorti li tipprova tevalwa s-sitwazzjoni mill-ftit fatti u provi li ngabu lilha.

It-tlett affidavit prodotti jpingu sitwazzjoni fejn l-istess rikorrenti donnha riedet biss tizzewweg biex tkun bhal haddiehor, titlaq mid-dar tal-genituri, issir omm u mbaghad donnu xejn aktar. Kemm hi, kif ukoll zewgha jikkonfermaw certu bruda fir-relazzjoni taghhom ta' namrati. Ir-ragel haseb li kienet misthija. Kienet l-ewwel tfajla tieghu. Hi kienet ga taf li ma kellhiex xi gibda kbira lejh pero' riedet tizzewweg.

Il-Qorti hawnhekk tinnota li, ghalkemm fattur li gara wara z-zwieg huwa biss ta' ghajnuna limitata f'dawk il-kawzi, f'dan il-kaz, il-fatt li spiccat kull intimita' bejn il-partijiet meta twieled binhom issahhah dak li ssostni l-istess.

Ghar-rigward tal-allegazzjoni tal-attrici li kien hemm l-eskluzjoni taz-zwieg innifsu meta nghata l-kunsens ghall-istess zwieg, il-Qorti taghmel referenza ghal din il-kawzali kif ampjament zviluppata minn din il-Qorti diversament

presjeduta fis-sentenza “Micallef Engerer John vs Camilleri Corinne”, (deciza fit-22 ta’ Ottubru 2002), u “Taguri vs Cilia noe”, (deciza fl-10 ta’ Novembru 1999), fejn il-Qorti rriteniet illi:

“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi bl-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.”

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn A B u C D fit-23 ta’ Gunju 1998 huwa null u bla effett.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------